# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-4 ta' Lulju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 23/2022 CL

It-Tribunal;

**Joseph Vella (Kl nru 0122049M)**

**VERSUS**

**Doris Pace(Kl nru 592162M)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Jannar, 2022 fejn l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannat thallas l-ammont ta' hamest elef Ewro (€5.000), liema somma hija dovuta mill-konvenuta u li tirraprezenta self ta' flejjes kif miftiehem bejn il-partijiet.Illi l-konvenuta giet interprellata diversi drabi biex thallas is-somma dovuta izda baqghet inadempjenti. Bl-ispejjez inkluz l-imghax kontra l-konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-23 ta' Frar 2022, it-Tribunal kien innota li l-konvenuta kienet notifikata fid-29 ta' Jannar 2022, izda la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tas-23 ta' Frar, 2022, it-Tribunal sema' lil Joseph Vassallo jiddikjara bil-gurament illi minkejja li kien silef sitt elef u hames mitt euro (€6500) lil konvenuta, hija kienet halset biss elf u hames mitt ewro (€1500). Kien hemm hamest elef euro (€5,000) ghadhom pendenti u minkejja li ikkomunika hafna drabi mal-konvenuta din baqghet

ma halsitux. Hu pprezenta ukoll pendrive bir-recording tal-konverzazzjoni bit-telefon li kellu mal-istess konvenuta fejn ikkonfermat illi kellha ammont pendenti xi thallas.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal sema' lil attur jixhed u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef Ewro (EUR5,000) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tat-talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tal- konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**